# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*


ŻGĦIR B'QALB KBIRA

## Seduta numru 8. Illum it-Tlieta, 17 ta' Novembru 2009

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.15p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Attivita b'Risq il-Community Chest Fund
Milied 2009
Affarijiet Mixxellanji

**PREŻENTI**

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said

Is-Segretarju Ezekuttiv : Christine Lewis

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

**MINUTI**

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u, wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**2.0 Korrispondenza**

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġiet approvata l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-Fondi ta' l-Iskema għal attivitajiet fir-rahal u s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv gew mistiednin ghall-prezentazzjoni li se ssir fl-20 ta' Novembru, biex il-Kunsill ikun jaf kemm se jingħata fondi għas-serata imsemmija Winter Tastes ppjanata ghas-7 ta' Dicembru.

2.2 Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni biex il-kumpanija EF torganizza attivitajiet ghall-istudenti fil-Bajja tal-Gnejna fix-xhur tas-Sajf.

2.3 Il-Kunsill ma qabilx mad-decizjoni tal-MEPA dwar l-approvazzjoni tal-permess PA 2030/07.


***Sindku** : Paul Vella, **Vici Sindku** : Eman Vella*
***Kunsillieri** : Clayton Gauċi, Giovanni Gatt, Maria Said*
***Segretarju Ezekuttiv** : Christine Lewis **Dip.Gen.Mgt.(MSM), MIM, PG Cert. in CSM (Leic.)***

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

## 3.0 Komunikazzjonijiet

3.1 Is-SIndku nforma li thejjiet laqgha ma' Ufficjali mis-Sovrantendenza tal-Wirt Kulturali dwar il-pjanti godda tal-Gnien fil-Housing Estate. F'din il-laqgha, giet prezentata l-pjanta gdida u l-Ufficjal mis-Sovrantendenza qabel li se jkun qed jinforma l-MEPA li s-Sovrantendenza taqbel mal-pjanta l-gdida. Waqt din il-laqgha ssemma' l-progett tal-Kunsill biex jigi ffurmat Muzew Arkejologiku fl-Ufficcju tal-Kunsill.

3.2 Il-Vici Sindku Eman Vella informa li ltaqa' ma Ufficjali mill-MEUSAC dwar dan il-Muzew biex ikunu jistghu jingiebu fondi Ewropej ghat-tfassil tieghu. Huwa kompla li qed jigbor stimi ghall-apparat elettroniku abbinat ma dan il-muzew.

3.3 Is-Sindku nforma li l-estensjoni tal-bini tal-Kunsill se tkun kwazi kompluta sal-bibita li se ssir nhar il-Gimgha, 11 ta' Dicembru.

3.4 Is-Sindku nforma li nhar l-Erbgha, 18 ta' Novembru se tithejja laqgha bejnu, il-Vici Sindku Eman Vella il-Kunsillier Clayton Gauci u s-Surmast tal-Banda Imperial biex jigi diskuss il-programm ta' Gieh l-Imgarr, li ghalih din is-sena se jkunu prezenti residenti mil-lokalita ta' Mathi (To).

3.5 Is-Sindku nforma dwar il-laqgha li kellu ma Dame Francoise Tempra dwar il-Muzew Tempra li jinsab fl-Ufficcju Amministrattiv. Huwa nforma li tkellem maghha dwar il-pitturi li zzarmaw mill-parti ta' l-estensjoni u ssuggerixxa li dawn jitwahhlu fit-tarag ta' l-estensjoni. Huwa qal li kemm il darba l-Kunsill jaqbel, hija qablet ma din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta. Huwa kompla li hija talbet li ssir tabella biex tindika fejn hu l-Muzew Tempra u li jigu ppublikati numru ta' kotba dwar il-pitturi li jinsabu fil-Muzew. Il-Kunsill qabel maz-zewg proposti u se jintalbu stimi f'dan ir-rigward.

3.6 Is-Sindku ltaqa' mas-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi dwar il-Bajja tal-Gnejna. Is-Sindku talab aktar dettalji dwar l-art li ttiehdet mill-Gvern biex issir pubblika fil-Bajja tal-Gnejna. Huwa gie nfurmat li se jintbaghtu aktar dettalji bil-posta. Is-Sindku nfurmah li l-Kunsill kien dizappuntat li ma saritx konsultazzjoni mieghu dwar dan. Huwa ppropona li kull meta l-Gvern jaghti propjeta b'kera, il-Kunsill ikun konsultat.

## 4.0 Attivita b'Risq il-Community Chest Fund

4.1 Il-Vici Sindku Eman Vella u l-Kunsillier Clayton Gauci ressqu l-proposti taghhom dwar l-attivitajiet li se jsiru taht tinda fil-pjazza bejn il-5 u s-7 ta' Dicembru. Huma nfurmaw li l-attivita fil-5 ta' Dicembru se tkun organizzata mill-Kumitat Zghazagh, is-6 ta' Dicembru thalliet ghall-ghaqdiet tar-rahal filwaqt li fis-7 ta' Dicembru se tithejja l-attivita relatata ma l-iskema ta' fondi ghall-attivitajiet fir-rahal imsemmija Winter Tastes. Il-Vici Sindku Eman Vella qal li mill-istimi li ngabru ghat-tined, dik ta' MFCC kienet l-orhos offerta ghal € 3000.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

4.2 Is-Sindku nforma li se jkun qed jiltaqa' mal-membri tal-Kummissjoni Lejla Mgarrija biex jiddikuti maghhom dwar il-preparazzjoni ta' l-ikel ghas-7 ta' Dicembru.

4.3 Kien hemm qbil li jinkrew numru ta' pjanti mill-ELC biex izejjnu t-tinda filwaqt li jinkrew numru ta' banketti biex ikollhom fejn ipoggu dawk prezenti.

4.4 Is-Sindku ppropona li t-traffiku gej minn Triq Fisher ikun imdawwar ghal Triq Sir Harry Luke waqt li l-parti ta' taht iz-zuntier tkun maghluqa ghat-traffiku.

4.5 Il-Kunsillier Clayton Gauci informa dwar il-partecipazzjoni tal-Kunsill fil-Quiz li thejja f'Dar l-Ewropa. Huwa nforma li saret laqgha mal-partecipanti nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru, filwaqt li se ssir ohra nhar l-Erbgha, 18 ta' Novembru, peress li l-ewwel Quiz se jsir fit-23 ta' Novembru.

## 5.0 Milied 2009

5.1 Is-Sindku nforma li t-tizjin ta' toroq se jibda fit-23 ta'Novembru fi Triq Fisher.

5.2 Sar qbil li l-bibita ghall-ghadiet lokali ssir nhar il-Gimgha, 11 ta' Dicembru fit-tielet sular tal-Kunsill, fejn hu propost id-Day care centre ghall-anzjani.

## 6.0 Affarijiet Mixxellanji

6.1Il-Kunsillier Clayton Gauci nforma li ltaqa' ma persuna dwar sistema ta' dawl fit-toroq li tahdem bid-dawl tax-xemx. Huwa spjega dwar din is-sistema u kien hemm qbil li d-dettalji jghaddu ghand l-Engineer tal-Kunsill ghall-attenzjoni tieghu.

6.2 Is-Sindku semma l-fatt li l-membri prezenti ghal-laqgha li kienet proposta mal-Kumitat Festa kienu urtati ghall-fatt li dawn ma attendewx ghal-laqgha proposta mill-Kunsill.

6.3 Se tingibed l-attenzjoni ta' nurmu ta' residenti fi Triq Santa Marija li qed johorgu l-iskart domestiku wara l-hin tal-gbir.

6.4 Kien hemm qbil li jizdiedu n-numru ta' bring in sites madwar ir-rahal u se tigi studjata din il-possibilita.

6.5 Il-Kunsillier Clayton Gauci ssuggerixxa li jinghata ftit konkos taht il-Bring In Site ta' Triq San Pietru biex iz-zona ma tidhirx skartata. Kien hemm qbil f'dan ir-rigward.

6.6 Il-Kunsillier Giovanni Gatt propona li ssir bankina tul Triq Ghajntuffieha. Il-Kunsill qabel li jitlob stima ghal dan ix-xoghol.

6.7 Kien hemm qbil li jitwahhal l-isem ta' Triq Aruna fit-truf ta' din it-Triq.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

6.8 Il-Vici Sindku Eman Vella nforma li l-Ambaxxata Amerikana tixtieq li tnaddaf zona fl-Imgarr. Se jsiru l-arrangamenti necessarji f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel li titnaddaf il-Bajja tal-Gnejna.

6.9 Is-Sindku ppropona li l-edizzjoni li jmiss tal-Migbha tkun ippublikata f'Marzu 2010 biex tigbor fiha l-attivitajiet kollha li saru matul is-sena. Il-Kunsill qabel.

7.0 Il-Vici Sindku Eman Vella u l-Kunsillier Clayton Gauci qed jikkordinaw is-sezzjoni ta' abseiling li se ssir ghaz-zghazagh fl-imtahleb. Huma nfurmaw li sa dakinhar kienu nkitbu 27.

7.1 Il-Laqgha ntemmet fid-8.50pm.

7.2 Is-Sindku sejjah laqgha ohra nhar it-Tlieta, 15 ta' Dicembru fis-6pm.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku